MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 460/2007

**Fibermar Services Limited**

**vs**

**JET Services Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn is-socjeta’ attrici ddikjarat li s-socjeta’ konvenuta giet inkarigata mis-socjeta’ attrici sabiex twassal konsenja ta’ merkanzija mill-Ingilterra ghal gewwa fabbrika tal-istess socjeta’ attrici f’Malta.

Illi, meta waslet il-konsenja ghand is-socjeta’ attrici, instabu oggetti neqsin mill-merkanzija in kwistjoni, u ghalhekk ma twasslux ghand is-socjeta’ attrici skond l-ordni minnha maghmula.

Illi, oltre dan, is-socjeta' attrici sabet ukoll illi partijiet ohra mill-merkanzija kkonsenjata kienet danneggjata b'mod illi m'hijiex tajba ghall-uzu.

Illi, is-socjeta' attrici ikkonfermat mal-manifattur tal-merkanzija ordnata minnha, illi l-ordni shiha giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta f'kundizzjoni tajba.

Illi ghal istess ragunijiet suesposti sar hlas indebitu mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' konvenuta billi s-socjeta' attrici hallset ghas-servizzi rezi mis-socjeta' konvenuta bhallikieku s-socjeta' konvenuta qdiet l-inkarigu taghha in toto.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta:-

1. li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm555.80), u cioe' llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u erbgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,294.67), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti l-valur ta' dawk l-oggetti illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja lis-socjeta' attrici;

2. li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm593,38), u cioe' ekwivalenti ghal elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€1,382.20), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti l-valur ta' dawk l-oggetti illi s-socjeta' konvenuta kkonsenjat lis-socjeta' attrici fi stat danneggjat.

3. li thallas ossija tirrifondi s-somma ta' mija u seba' u erbghin lira Maltin u seba' u hamsin centezmu (Lm147.57), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u erbghin Euro u sebgha u hamsin centezmi (€343.57), jew somma verjuri, rapprezentanti hlas li sar indebitament mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta stante li l-istess socjeta' konvenuta ma qdietx l-inkarigu taghha bil-mod pattwit u bid-diligenza rikjesta.

Bl-ispejjes u l-imghax legali dekorribbli mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi m'hiex responsabbli ghal merkanzija li ma tigix konsenjata.

Illi ghalkemm l-atturi ghamlu talba li kaxxa ta' tnax-il (12) *mounting* kienet nieqsa, sussegwentement il-konvenuti minn jeddhom, u a spejjes taghhom, ikkonsenjaw erbgha *mountings* ohra.

Illi mill-merkanzija konsenjata kien hemm *flag pole* wahda biss li kienet danneggjata fejn il-hsara li saret mhux imputabbli lill-konvenuti.

Illi l-konvenuti taw servizz kif gie mitlub, stabilit u accettat mill-atturi u m'humiex responsabbli tad-danni.

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjes u l-imghax.

Ra x-xhieda ta' Suzanne Farrugia Womack, li tokkupa l-kariga ta' Segretarja tas-socjeta' attrici u li ilha tokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin. Tghid illi tiehu hsieb ix-xiri u l-bejgh ta' arbli tal-*fibreglass* li jigu importati mill-Ingilterra.

Tispjega ukoll illi tiehu hsieb li ssib l-ahjar *quotations* ghat-trasport ta' din il-merkanzija.

L-ordni ta' l-arbli tikkonsisti f'habel, bazi tal-metall ma' fejn jintrabat l-arblu, *top* ta' fuq u tarjola u jigu kkunsinjati fuq *pellet*.

Tghid li kienet ikkomunikat mas-socjeta' konvenuta u wara li tawha *quotation* kienu accettaw, tawhom l-ordni u kienu nfurmaw lil-fornitur taghhom.

Kienet tat kull informazzjoni mehtiega lis-socjeta' konvenuta. Kellhom diversi problemi mas-socjeta'

konvenuta u l-ewwel problema kienet meta kienet ftehmet mas-socjeta' attrici li tigbor ix-xoghol f'gurnata partikolari, pero' kienet marret tigbru gimgha wara.

Problema ohra kienet li hi kienet talbet lis-socjeta' attrici taghtiha *quotation door to door,* u meta kienet infurmat lis-socjeta' konvenuta li l-merkanzija kienet waslet, kienet irrifjutat li twassal il-merkanzija sal-mahzen tas-socjeta' attrici u dan minhabba li kienet insistiet li l-kwotazzjoni kienet tkopri biss il-gbir tal-prodotti, l-ispejjes tal-vjagg tal-vapur u d-dokumentazzjoni ta' Malta, biex b'hekk ma kienitx tinkludi l-process li bih x-xoghol jigi *cleared* mid-dwana u migjub lilhom gewwa l-mahzen.

Minhabba li l-klijent taghhom kien mghaggel kienet ordnat lill-Burdnar sabiex jaghmel dan ix-xoghol u kellu jhallas il-kont li gie moghti minn Jet Services Limited u minn dak li kien hallas kien irrizulta li kienu hallsu aktar milli kien hemm fil-kwotazzjoni.

Kienu nghataw kwotazzjoni ta' STG552.32, ekwivalenti ghal *circa* tlett mija u hamsa u tletin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm335.33), ekwivalenti ghal seba' mija u wiehed u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€781.11), bhala *freight* u *foreign charges* , flimkien ma' hamsa u disghin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm95.61), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€222.71), *local charges*, eskluz il-Vat, li jammontaw ghal total ta' erba' mija u tletin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm430.94), cioe' ekwivalenti ghal elf u tlett Euro u tnejn u tmenin centezmu (€1,003.82).

Kien hemm diskrepanza ta' erbgha u tletin liri Maltin u hames centezmi (Lm34.05), u cioe' ekwivalenti ghal disgha u sebghin Euro u tnejn u tletin centezmu (€79.32), u b'dan kienet gharrfet lis-socjeta' konvenuta.

Meta waslet il-merkanzija fil-mahzen irrizulta li kien hemm il-*pellet* tal-accessorji nieqsa, kif ukoll kien hemm arblu maqsum min-nofs. Kienet infurmat lis-socjeta' konvenuta b'dan ukoll.

Is-socjeta' konvenuta kienet ikkonfermat li l-*pellet* ma' kienx wasal u kellhom jivverifikaw mal-agenti taghhom jekk kienitx gejja ma' konsenja ohra, peress li kienet intbaghtet bhala *groupage*. Oltre minn hekk, dwar l-arblu miksur, qalulha li ma kienux responsabbli ghal tali hsarat. Wara li kienet ghaddiet gimgha u ma kienet semghet xejn, kienet regghet cemplet lis-socjeta' konvenuta li kienet infurmatha li kienet qed tivverifika jekk il-*pellet* kienx intbaghat pajjz iehor.

Kien ghalhekk Arthur Farrugia li kien tkellem mas-socjeta' konvenuta u din ikkonfermat li kienu gabru ghaxar (10) kaxxi ta' accessorji ghal ghaxar (10) arbli u kellhom jitqassmu malli jigu Malta.

Kienu indunaw wara wkoll, li kien hemm madwat tlett (3) arbli u dawn kienu nqassmu fuq in-naha fejn ikun hemm il-plastik li jitnehha. Kienu danneggajti b'mod li ma setghux jigu kkonsenjati u kien hemm arblu maqsum.

Kienet damet madwar xahar u nofs tinsisti sabiex tinstab il-*pellet* u li jinghataw lura d-differenza fil-valur, minhabba l-konsenja li waslet. Kif ukoll kienu qed jippretendu l-hlas tal-arbli danneggjati. Peress li kienet baqghet bla risposta, kienet irreferiet kollox lill-*Managing Director*.

Ix-xhud ma setghetx tikkonferma kemm effettivament kien id-dewmien, izda kien irrizultala li kien hemm dewmien, meta saret taf minn barra li l-merkanzija ma kienitx ingabret, kif ukoll peress li l-klijenti kienu diga' bdew joholqu l-problemi.

Is-socjeta' konvenuta ukoll kienet infurmatha li ma kienitx ser tigbor il-merkanzija fil-jum miftiehem.

Tispjega li kellhom kuntratt ta' ghaxar (10) arbli u imbaghad kien sar kuntatt bejn is-*supplier (freight*) mas-*suppliers* tas-socjeta' attrici u dan sabiex jitwasslu l-ghaxar (10) arbli u fil-fatt waslu kompluti.

Tghid li ma setghetx tghid jekk kienux il-*mountings* u l-accessorji kienux l-istess, izda l-ordni kienet ghall-arbli, bil-parti ta’ fuq u l-parti t’isfel u kollox kien nieqes.

Ra x-xhieda ta’ Lizio Abela li huwa responsabbli mill-imhazen tas-socjeta’ attrici. Jikkonferma li meta waslet il-konsenja kien ivverifika mad-dokumentazzjoni li kellu li kien hemm l-accessorji li jaslu fuq *pellet* nieqsa, kif ukoll irrizultalu li kien hemm arblu maqsum ukoll. Kien informa lill-persuna responsabbli b’dak li kien sab.

Kien sab ukoll xi hsara f’xi arbli, li minkejja li ma kienx hemm xi hsara konsiderevoli, ma setghux jigu kkonsenjati peress li kienet hsara li ma setghetx tigi rrangjata.

Ftit wara kienu nghataw ghaxar (10) kaxex ta’ accessorji mill-konsenja li kellha tigi.

Jikkonferma li kien irrifera kollox lil Suzanne Farrugia ghaliex hi kienet il-persuna responsabbli.

Ra x-xhieda ta’ Bonaventura sive Arthur Farrugia, li jokkupa l-kariga ta’ *Managing Director* tas-socjeta’ attrici. Jispjega li l-episodju in kwistjoni sehh meta kien qieghed Dubai u kienet cemplitlu s-Segretarja Suzanne Farrugia u kienet infurmatu li kien hemm problemi fir-rigward ta’ merkanzija mis-*supplier* taghhom fl-Ingilterra Glassfibre Flagpoles Limited, li kienu ordnaw ghall-klijenti taghhom.

Infurmatu li kien hemm xi hsara fil-konsenja u li kien hemm *pellet* nieqes u dan kellu mieghu l-accessorji ta’ dawn l-arbli.

Kien ghalhekk li kien ikkomunika mas-socjeta’ konvenuta u dwar il-*pellet* kienet infurmatu li kien hemm il-possibbilita’ li nqabdet ma’ konsenja ohra peress li kienu jiffurmaw parti minn *groupage.* Il-problema kienet li l-arbli ma setghux jitwahhlu minghajr l-accessorji u ghalhekk kien informa lis-socjeta’ konvenuta li ma kienux ser iqassmu l-arbli qabel ma kellhom l-accessorji.

Jet Services ghamlet zmien tipprova tara jekk setghetx tintraccja din il-*pellet*, izda mbaghad kienet infurmat lis-socjeta’ attrici li kienet disposta tikkonsenja ghaxar (10) kaxxi ta’ accessorji minghand is-*supplier* tas-socjeta’ attrici u dan sabiex din ta’ l-ahhar setghet tissodisfa parti mill-ordnijiet li kellha. Din saret u ma thallsitx taghha, izda dejjem kien hemm in-nieqes minn dak li originarjament gie ordnat. Ghalhekk, is-socjeta’ attrici qed tinsisti li hallset aktar minn dak miftiehem.

Is-socjeta’ konvenuta kienet wieghditu li kienet ser tibqa’ tinsisti mas-*supplier* taghha fl-Ingilterra sabiex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas li kien ghad hemm, u cioe’ *pellet* nieqes bl-accessorji kollha, kif ukoll kien hemm erba’ (4) arbli ddanneggjati.

Is-socjeta’ konvenuta baqghet tinsisti li dan id-dannu ma kienx tort taghha. Is-socjeta’ attrici ukoll insistiet li kienet sofriet izjed danni meta kienet hallset aktar milli kien gie miftiehem, bil-konsegwenza li l-konsenja ma kienitx kompluta.

Il-valur tal-accessorji li kien hemm nieqsa nhaddmet wara li l-agenti tas-socjeta’ attrici kienu baghtu fattura tal-accessorji li kien hemm nieqsa.

Is-socjeta’ konvenuta kienet ikkonfermat li s-*supplier* taghhha fl-Ingilterra kienet haslet idejha u kien ghalhekk li kellha tiehu l-passi mehtiega.
Qed jintalbu hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centeezmi (Lm555.80), ekwivalenti ghal elf, mitejn u erbgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,294.67), ghal hlas ta’ accessorji li qatt ma waslu, hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm593.38), ekwivalenti ghal elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€1,382.20), ghal hlas tal-valur tal-arbli li waslu fi stat danneggjat u mija u sebgha u erbghin liri Maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm147.57), ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€343.75), valur *pro rata* tal-vjagg tal-oggetti neqsin u danneggjati li gew imhallsa indebitament.

Jispjega ukoll illi hemm zewg tipi ta’ arbli li jistghu jigu ordnati, hemm dawk bir-*rotating top* u generalement jitqieghdu go kaxxa ghalihom u hemm dawk li jkollhom mhux biss *rotating top*, izda *base* ukoll tal-hadid li jitpoggew f’kaxxa wahda, hlief ghar-*rotating top*.

Ra x-xhieda ta’ Malcolm Vella li jiehu hsieb l-importazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta. Ighid li s-socjeta’ attrici kienet ghamlet xi ordni maghha sabiex igorr xi merkanzija mill-Ingilterra.

Jispjega li s-socjeta’ konvenuta kienet rapprezentanti hawn Malta tas-socjeta’ Fellow International Ltd u l-istess socjeta’ tohrog il-*bill of lading*. Meta nharget il-*bill of lading* (u sa’ dak il-hin l-agenti tas-socjeta’ konvenuta jibqghu responsabbli,) ma kienx jidher li kien hemm xi problema. Lanqas ma rrizulta li kien hemm xi diskrepanza. Jikkonferma li l-merkanzija kellha tingarr bhala parti minn *groupage*.

Jikkonferma li meta l-merkanzija waslet Malta, rapprezentant tas-socjeta’ attrici rrizultalu li kien hemm xi *pole* nieqes u kien hemm kaxxa nieqsa ukoll.

Sabiex jaghmlu l-verifiki, x-xhud jispjega li l-ewwel jivverifikaw mad-*delivery note* u sa dak il-mument ma kienx jirrizulta li kien hemm xi diskrepanza.

Ighid li sakemm jinghalaq il-*container*, l-agenti taghhom l-Ingilterra jibqghu responsabbli.

Ghar-rigward tad-danni, meta nfetah il-*container*, irrizulta li kien hemm merkanzija nieqsa u kien jidher li kien hemm xi hsarat, pero’ peress li dan irrizultalhom meta fethu l-*container*, ma hassewx li kellhom ihallsu ghal dawn il-hsarat.

Jikkonferma li kien tkellem ma’ certu Sue li kienet ikkonfermat li kien hemm *flag pole* nieqsa u kien hemm bzonn tal-accessorji u dan urgentement ghaliex kienu mehtiega ghal xi avvenniment f’Ghawdex.

Ghal tali nuqqas, kienu ordnaw accessorji ghal ghaxar (10) *poles* u dawn kienu gabuhom bl-ajru a spejjes taghhom.

In kontro-ezami, irrizulta li kien hemm talba verbali ghal arblu wiehed, izda mbaghad il-*claim* saret fuq erba’ (4) arbli. Il-persuna mibghuta mis-socjeta’ konvenuta sabiex tiddetermina l-hsarat, irrizultala li kien hemm biss arblu wiehed li kien bil-hsara.

Gie stabbilit ukoll illi kien hemm *pellet* li rrizulta li kien nieqes u wara diversi tentattivi dan il-*pellet* ma setax jinstab. Kienu disposti li jhallsu ghal dan il-*shortage* u kien waslu ghal ftehim billi hallsu ghal ghaxar (10) kaxex, meta l-ordni kienet ghal sebgha u tletin (37) kaxxa.

L-ammont ta’ hames mija u tnejn u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm542.65), ekwivalenti ghal elf, mitejn u erbgha u sittin Euro u tlett centezmi (€1,264.03), li esebiet Suzanne Farrugia jikkonferma li kien l-ammont ghal ordni totali.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>

Is-socjeta’ konvenuta kienet imqabbda mis-socjeta’ attrici sabiex iggib merkanzija mill-Ingilterra. Is-*suppliers* tas-socjeta’ attrici kellhom jikkonsenjaw il-merkanzija lill-agenti tas-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta tinsisti li hi kienet giet inkarigata sabiex iggib il-merkanzija Malta u ma kellhiex l-obbligu li ggib il-*clearance* mid-Dwana u  twassal u tikkonsenja din il-merkanzija lis-socjeta’ attrici . Il-verzjoni tas-socjeta’ attrici hija li s-socjeta’ konvenuta kellha twasslilhom il-merkanzija sal-mahzen taghhom, izda peress li l-klijent taghhom kien mghaggel kienu qabdu Burdnar.

Kien l-istess Burdnar li kien induna li kien hemm xi merkanzija nieqsa u li kien hemm ukoll xi merkanzija danneggjata u dan meta fetah il-*container*. Malcolm Vella, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, jinsisti li l-agenti taghhom jibqghu responsabbli sakemm jinghalaq il-*container* minn barra u minn dak il-mument m'ghandhomx aktar responsabbilita'.

It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni ghaliex il-kuntratt tat-trasport sar bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici u ghalhekk s-socjeta' konvenuta ghandha twiegeb ghan-nuqqasijiet ta' kull min hu mqabbad minnha biex jassistiha fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. (Farrugia vs Attard noe - Deciza 28 ta' April, 1998).

Anke, jekk is-socjeta' konvenuta tinsisti li ma kienx jirrizulta xi nuqqas mill-*bill of lading* u lanqas kienet tirrrizulta xi diskrepanza mid-*delivery note*, naqas li jipproducihom u dan meta l-oneru tal-prova kienet fuq l-istess socjeta' la darba qed teccepixxi li mhix responsabbli.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Illi, ghalhekk jibqa' biex jigu kkunsidrati t-talbiet attrici.

In kwantu ghal ewwel talba, is-socjeta' attrici qiedgha titlob is-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm555.80), u cioe' llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u erbgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,294.67) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti l-valur ta' dawk l-oggetti illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja lis-socjeta' attrici.

Mix-xhieda prodotta kien hemm qbil li mal-konsenja kien hemm *shortage* ta' *pellet*, li fih kienu jingarru l-accessorji ghall-*flagpoles*, il-merkanzija in kwistjoni. Is-socjeta' konvenuta spjegat kif kien hemm suspetti li din il-*pellet* spiccat ma' xi merkanzija ohra, peress li kienet tifforma parti minn *groupage*.

Irrizulta li kien hemm nuqqas iehor u dan kien jikkonsisti f'diversi accessorji u dan gew specifikati permezz ta' *pro forma invoice* mibghuta mis-socjeta' Glassfibre Flagpoles Ltd. li kienu b'kollox jammontaw ghal GBP895.45, u cioe ekwivalenti ghal hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm555.80), u cioe' llum ekwivalenti ghal elf, mitejn u erbgha u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€1,294.67). ( vide Doument AF 1).

Is-socjeta' konvenuta gabet minn jeddha ghaxar (10) kaxex ta' accessorji u dawn gabithom bl-ajru a spejjes taghha, u fuq dan ma hemmx kontestazzjoni, izda s-socjeta' konvenuta ghal darb'ohra naqset li tipproduci l-valur ta' dawn l-accessorji li gabet ghan-nom tas-socjeta' attrici u lanqas ma pproduciet l-ispiza tal-ajru.

Pero, it-Tribunal, josserva, li l-azzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet intiza biex tissodisfa lis-socjeta' attrici peress li din tal-ahhar kellha l-klijent li kellu bzonn ta' dawn l-arbli ghal xi okkazzjoni partikolari f'Ghawdex u ta' dan ghandha tigi kkumpensata. Minhabba li hemm nuqqas ta' indikazzjoni in kwantu jirrigwarda l-valur kif gie accennat, it-Tribunal jaqbel illi ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici, ghaxra fil-mija (10 %) tal-ammont u ghalhekk l-ammont ghandu jigi ridott ghal hames mitt lira Maltin (Lm500.00), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

In kwantu jirrigwarda t-tieni talba attrici, huwa minnu li s-socjeta' attrici ma gabet ebda dokumentazzjoni jew stima tal-valur tad-danni, hlief li esebit diversi ritratti li jikkonfermaw li kien hemm arblu maqsum u tlett (3) arbli ddanneggajti.

Hemm verzjonjiet konfliggenti, fis-sens li s-socjeta' konvenuta tinsisti li arblu wiehed (1) biss kien iddanneggjat, izda l-verzjoni tas-socjeta' attrici giet kkorroborata minn diversi xhieda u ghalhekk ghandha titqies bhala dik il-verzjoni l-aktar verosimili.

Peress li lanqas l-ammont mitlub ta' somma ta' hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm593,38), u cioe' ekwivalenti ghal elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€1,382.20), ma giex kkontestat da parti tas-socjeta' konvenuta, it-Tribunal jilqa' t-tieni talba attrici.

Dwar it-tielet talba, stabbilit li s-socjeta' konvenuta kellha tinzamm responsabbli, kif ukoll il-fatt li kien hemm dewmien fil-gbir tal-merkanzija, is-socjeta' konvenuta ma tistax tigi kkunsidrata bhala wahda li ezercitat l-inkarigu moghti lilha b'dik id-diligenza mehtiega. Ghalhekk, peress li s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonvinci lit-Tribunal li kienet ezercitat dik id-diligenza mehtiega dwar il-gbir u konsenja tal-oggetti, u peress ma kkontestax dan l-ammont, it-Tribunal jilqa' ukoll it-tielet talba attrici.

Ghal dawn l-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t- talbiet attrici kif gej, u cioe dwar l-ewwel talba tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (€1,165), dwar it-tieni talba ghal hlas ta' elf, tlett mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€1,382.57) u dwar it-tielet talba ghal hlas ta' tlett mija u tlieta u erbghin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€343.83), u cioe' ghat-total ta' elfejn, tmien mija u wiehed u disghin Euro u erbatax-il centezmu (€2,891.14). Dwar l-ispejjes, billi is-somma mitluba fl-ewwel talba saret bhala wahda li tista tigi iffissata mit-Tribunal, mhux il-kaz ghat temperament fl-ispejjes. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija kkundannata ghal hlas tal-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------